Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 266/15 AE

**London Services Ltd (C-3951)**

**(soċjeta` appellanti)**

**vs**

**Mario Laporto**

**u b'digriet tat-Tribunal tat-2 ta' Marzu 2016 ġiet ordnata korrezzjoni fis-sens li isem il-konvenut għandu jaqra "Mario Loporto" u mhux "Mario Laporto"**

**u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Diċembru 2015 ġew kjamati fil-kawża s-soċjetajiet Ta' Frenċ Estates Ltd (C-34667), Ta' Frenċ Properties Ltd (C-34665) u Gozo Village Holidays Ltd (C-12480)**

**(appellati)**

22 ta' Settembru 2017

1. **Din hija kawża għad-danni li tippretendi s-soċjeta` attriċi wara li waqgħu panelli solari għal fuq vettura proprjeta` tagħha.**

2. Fl-Avviż tat-Talba tad-9 ta' April 2015 ippreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjeta` attriċi talbet is-somma ta' **€1,703.85** rappreżentanti danni allegatament sofferti minnha bħala riżultat tal-inċident illi seħħ fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta Settembru 2013, fi Triq il-Fanal, l-Għasri, Għawdex, meta waqt li ċertu Romain Robert Georges Chatellard ipparkja l-vettura tagħha LEK-842 (dak iż-żmien mikrija lilu) fl-imsemmija triq, waqgħu panelli solari minn fuq il-bejt tal-Gozo Holiday Inn[1] għal fuqha. Ippremettiet illi l-konvenut, bħala proprjetarju tal-bini li minn fuqu waqgħu il-panelli, kien

[1] sostitwiti bil-kliem "Ta' Frenċ Apartments", ara verbal tat-2 ta' Marzu 2016, fol 34.

unikament responsabbli għall-inċident u għall-konsegwenzjali danni. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar 2015 u bl-imgħax legali b'effett mis-6 ta' Jannar 2015 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

3. Fir-Risposta tiegħu tal-11 ta' Mejju 2015[2] il-konvenut Mario Loporto wieġeb biex jgħid illi:

(i) preliminarjament huwa mhux il-leġittimu kontradittur billi m'għandux konnessjoni mal-appartamenti msemmija u lanqas mal-inċident imsemmi u dan kif irrisponda għall-ittra uffiċjali imsemmija mis-soċjeta` attriċi; u

(ii) bla preġudizzju għal dan, is-soċjeta` attriċi trid tipprova l-kawża tagħha li qed tiġi kkontestata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Bl-ispejjeż.

4. Permezz ta' rikors datat 26 ta' Ottubru 2015[3] is-soċjeta` attriċi talbet li jiġu **kjamati fil-kawża** s-soċjetajiet Ta' Frenċ Estates Ltd (C-34667), Ta' Frenċ Properties Ltd (C-34665) u Gozo Village Holidays Ltd (C-12480). It-Tribunal laqa' din it-talba permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru 2015.

5. Fir-risposta tagħhom tas-26 ta' Jannar 2016[4] tnejn mis-soċjetajiet kjamati fil-kawża (Ta' Frenc` Estates Ltd u Ta' Frenċ Properties Ltd) wieġbu biex jgħidu li:

(i) in kwantu jirrigwarda lilhom, it-talbiet huma preskritti abbażi tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) fil-mertu it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li:

- huma la għandhom u lanqas qatt kellhom xi proprjeta` bl-isem Gozo Holiday Inn fi Triq il-Għasri, Għawdex, u

- fi kwalunkwe każ mhumiex responsabbli għall-akkadut tal-inċident imsemmi;

(iii) għal kull buon fini iddikjaraw illi s-soċjeta` Ta' Frenċ Village Holidays Ltd[5] ma teżistix.

---

[2] Fol 10 (tergo).
[3] Fol 17.
[4] Fol 30 (tergo).
[5] Id-difensur tal-kjamati fil-kawża fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016 spjegat illi r-risposta ġiet ippreżentata għan-nom tas-soċjetajiet Ta' Frenċ Estates Ltd u Ta' Frenċ Properties Ltd iżda mhux ta' Gozo Village Holidays Ltd peress li n-notifika saret f' isem Ta' Frenċ Village Holidays Ltd – ara envelope a fol 38 – liema soċjeta` ma teżistix. Fil-fatt it-Tribunal ordna li kull notifika oħra lil Gozo Village Holidays Ltd kellha tkun a karigu tar-Reġistratur tal-Qrati. Permezz ta' nota datata 17 ta' Marzu 2016

6. Fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2016[6], is-soċjeta` attriċi, sussegwentement għax-xiehda ta’ Mario Loporto, talbet **korrezzjoni fl-Avviż tat-Talba** fis-sens li:

(i) isem il-konvenut għandu jaqra “Mario Loporto” u mhux “Mario Laporto”, u

(ii) fil-korp tat-talba, il-kliem “Gozo Holiday Inn” jiġu sostitwiti bil-kliem “Ta’ Frenċ Apartments”.

Dakinhar stess it-Tribunal laqa’ tali talba u ordna l-korrezzjoni opportuna.

7. Ukoll fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2016, wara li xehed Mario Loporto u qal li l-binja minn fejn waqgħu il-panelli tappartjeni lis-soċjetajiet Ta’ Frenċ Properties Ltd u/jew Ta’ Frenċ Estates Ltd, u li huwa konsulent tal-kumpanija Gozo Village Holidays Ltd, is-soċjeta` attriċi **ċediet il-kawża fil-konfront tas-soċjeta` kjamata fil-kawża Gozo Village Holidays Ltd**.

8. Fir-risposta tagħha tas-17 ta’ Marzu 2016[7], is-soċjeta` kjamata fil-kawża Gozo Village Holidays Ltd wieġbet biex tgħid illi:

(i) in kwantu jirrigwarda lilha, it-talbiet huma preskritti abbażi tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ii) fil-mertu it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li:

- hija la għandha u lanqas qatt kellha xi proprjeta` bl-isem Gozo Holiday Inn fi Triq il-Għasri, Għawdex, u

- fi kwalunkwe każ mhix responsabbli għall-akkadut tal-inċident imsemmi.

9. Fis-sentenza li ingħatat fis-27 ta’ April 2016, it-Tribunal:

(i) laqa’ l-ewwel eċċezzjoni ta’ Mario Loporto li mhux il-leġittimu kontradittur (għalkemm ikkonkluda li kellu jbati l-ispejjeż tiegħu in kwantu kellu l-opportunita` li jagħmel il-pożizzjoni tiegħu ċara meta wieġeb għall-ittra uffiċjali); u

(ii) laqa’ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetajiet kjamati fil-kawża Ta’ Frenċ Estates Ltd u Ta’ Frenċ Properties Ltd.

---

ir-Reġistratur tal-Qrati informa lit-Tribunal lil kienet reġgħet ħarġet notifika (bla ħlas) lis-soċjeta` Gozo Village Holidays Ltd. (**Fi kwalunkwe każ fit-2 ta’ Marzu 2016, il-kawża diġa kienet ġiet ċeduta fil-konfront tagħha**).

[6] Ara verbal a fol 34-35.

[7] Fol 41 tergo.

10. Is-soċjeta` attriċi ma qablitx mas-sentenza u għalhekk fis-17 ta' Mejju 2016 interponiet dan l-appell minnha.

11. **L-aggravju tagħha jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni**.

*• Il-pożizzjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:*

Huwa utli fl-ewwel lok li tiġi spjegata l-pożizzjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. L-imsejħin fil-kawża taw l-eċċezzjoni li l-kawża hi preskritta skont l-Artikolu 2153 tal-Kap 16, li jipprovdi li azzjoni għall-ħlas tad-danni mhux ikkaġunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn.

It-Tribunal qies illi minkejja li l-kawża ġiet effettivament ippreżentata *entro termine*, it-talba għas-sejħa fil-kawża ta' terzi, l-ordni relattiva, u n-notifika tal-atti fil-konfront tal-istess, saru wara li għaddew is-sentejn. Huwa spjega li l-kwistjoni li kellu jeżamina kienet jekk il-fatt li kien hemm kawża interrompietx il-preskrizzjoni fil-konfront tas-soċjetajiet kjamati fil-kawża. Aċċenna għall-fatt li l-Artikolu 962 tal-Kap 12 jipprovdi li terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi notifikata bl-atti u għandha titqies għall-finijiet kollha bħal kull konvenut ieħor, u għalhekk irraġuna illi ladarba kjamat fil-kawża jitqies pari mal-konvenut, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2131 tal-Kap 16 u cioe` daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tiegħu. Għaldaqstant ikkonkluda li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-kjamati fil-kawża kienet timmerita li tintlaqa'.

*• L-argument tas-soċjeta` appellanti fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:*

Is-soċjeta` attriċi tilmenta li t-Tribunal ma apprezzax iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ meta kkonkluda li l-azzjoni kienet preskritta fil-konfront tas-soċjetajet kjamati fil-kawża. Tispjega li wara li seħħ l-inċident fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 2013, hija fis-6 ta' Jannar 2015 kienet bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut Mario Loporto, fejn interpellatu biex iħallasha d-danni minnha subiti

riżultat tal-inċident, u li dan, fit-8 ta' Frar 2015 wieġeb biex jgħid li l-pretenzjonijiet tagħha huma infondati, u li l-inċident kien purament "*casus*" u li għalhekk ma jaħtix għalih. **Is-soċjeta` attriċi appellanti tenfasizza li Loporto f' dak l-istadju bl-ebda mod ma indika li ma kienx il-leġittimu kontradittur, u li għall-kuntrarju ikkummenta dwar l-inċident b'mod li taha x' tifhem li kien fil-fatt il-proprjetarju tal-fond li minnu waqgħu il-panelli**. Tkompli tgħid li kien fir-risposta tiegħu tal-11 ta' Mejju 2015 li eċċepixxa li ma kienx il-leġittimu kontradittur (mingħajr ma indika min kien fil-fatt il-leġittimu kontradittur), u li kien imbagħad fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2015 li qal li l-fond li minn fuqu waqgħu il-panelli għal fuq il-vettura tagħha kienu effettivament tas-soċjetajiet Ta' Frenċ Estates Ltd u Ta' Frenċ Properties Ltd. Taċċenna għall-fatt li kien proprju dakinhar li ingħatat it-tagħrif neċessarju biex tkun tista' ssejjes l-azzjoni tagħha kontra tali soċjetajiet. Hija tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza nostrana u ssostni li fir-rigward tal-preskrizzjoni ġiet ritenut illi:

- f' każ li terz interpellat ma jiċħadx l-involviment tiegħu, l-attur mhux mistenni ikompli jindaga dwar jekk tali terz hux leġittimu kontradittur jew le[8];
- l-attur m'għandux jiġi preġudikat jew penalizzat minħabba artifizji eskoġitati mill-avversarju[9];
- il-preskrizzjoni hija istitut li waħda mill-iskopijiet tagħha hija li tippunixxi t-traskuraġni tal-kreditur u mhux sewwa li tintuża biex tippunixxi attur u allura persuna li qed tallega li hija kreditriċi għax ġiet ingannata minn xi azzjoni tal-konvenut[10] (u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipju li *ex turpi causa non oritur actio* u *contra non valentem agere non currit praescriptio*);

- *Ir-Responsabilita` għall-inċident u l-likwidazzjoni tad-danni:*

In linea sussidjarja, f'każ li din il-qorti jogħġobha tilqa' l-appell interpost minnha, is-soċjeta` attriċi appellanti issostni li dan huwa każ ta' *res ipsa loquitur* għaliex min-natura tal-inċident innifsu, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li l-kjamati fil-kawża huma responsabbli ċivilment għall-inċident odjern. L-attriċi ssostni li l-kumpanniji ta' Frenċ Estates Limited u ta' Frenċ

[8] **R von Brockdorff Insurance Agency Ltd noe et vs Falcotrans Ltd et** (28.06.2013) App Sup.
[9] **Mario Galea vs John Attard et** (26.05.2004) PA (Imh Ph. Sciberras).
[10] **Mario Ellul vs Joseph Testa et** (07.02.2005) PA (Imħ J Azzopardi) u **Joseph Calleja et vs Kenneth Mizzi et** (23.04.2008) PA (Imħ J Azzopardi).

Properties Limited huma responsabbli għall-inċident, tant hu hekk t-talba fir-riokrs tal-appell hi sabiex din il-qorti:

*"…. Tikkonferma in parte s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Żgħar tas-27 ta' April 2016 fejn ordnat li l-konvenut Mario Loporto għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu, tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-kjamati fil-kawza illi l-azzjoni odjerna hija preskritta u tgħaddi sabiex tiddikjara lill-istess soċjetajiet kjamati fil-kawża fa' Franċ Estates Limited u ta' Frenċ Properties Limited unikament responsabbli għall-inċident…."*

12. Fit-8 ta' Ġunju 2016 is-soċjetajiet appellati kjamati fil-kawża wieġbu biex jgħidu li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. Fil-qosor, huma jissollevaw is-segwenti punti:

*(i)* *L-appell huwa null:*

Fl-ewwel lok isostnu li l-appell odjern huwa null peress li l-proċedura tal-Artikolu 9(2)(a) tal-Kap 380 ma ġietx segwita.

*(ii)* *Il-kawża hija preskritta:*

Fit-tieni lok isostnu li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tagħhom u jargumentaw illi d-deċiżjonijiet li għalihom għamlet riferenza s-soċjeta\` attriċi m'għandhom l-ebda rilevanza għall-każ in kwistjoni għaliex fihom dejjem kien hemm xi tip ta' ħtija fil-konvenuti li wasslet biex l-attur ma aġixxiex *entro termine*. Jaċċennaw għall-fatt li fil-każ in eżami, ma kienx il-konvenut Mario Loporto, iżda klijent tas-soċjeta\` attriċi stess li ta informazzjoni żbaljata lill-Pulizija fir-rapport relattiv. Iżidu jgħidu li hija ma kinitx fl-impossibilita\` li ssir taf kontra min kellha taġixxi, u li in oltre kienet saret taf min kien is-sid tal-proprjeta ben entro t-terminu ta' sentejn, iżda baqgħet tkaxkar saqajha.

*(iii)* *Fil-mertu, ma ġietx pruvata l-ħtija tagħhom*

Fit-tielet lok jgħidu li ma ġiex pruvat li verament waqgħu il-panelli mill-proprjeta\` tagħhom u li dawn ġew fuq il-vettura tas-soċjeta\` attriċi. Jargumentaw ukoll li ma ġiex pruvat li l-kont jirrelata għall-ħsarat li allegatment seħħew fuq il-vettura tas-soċjeta\` attriċi.

**Konsiderazzjoni:**

**A. <u>L-eċċezzjoni tan-nullita` tal-appell:</u>**

13. L-appellati jirreferu għall-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 (Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar) li jipprovdi illi l-ġudikant:

*"għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smiegħ ma jtulx iktar minn seduta waħda:*

***Iżda jekk parti tixtieq tappella mid-deċiżjoni, għandu jingħata avviż dwar dan lill-ġudikatur meta tingħata d-deċiżjoni:*** (enfasi tal-appellanti)

*Iżda wkoll il-ġudikatur għandu fl-istess jum meta tingħata d-deċiżjoni jibgħat lir-Reġistratur kopja bil-miktub ta' dik id-deċiżjoni li tkun ingħatat fl-istess jum u li jkun fiha r-raġunijiet għad-deċiżjoni."*

14. Jidher li dan ir-rekwiżit impost fuq il-parti li tixtieq tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal <u>hu mmirat għal dawk il-każijiet fejn il-vertenza tkun ġiet deċiża dakinhar stess tas-smiegħ tal-kawża.</u> Fil-fatt f' tali ċirkostanzi dan is-sub-artikolu fuq ċitat jimponi <u>żewġ obbligi</u>: wieħed fuq il-parti li tkun trid tappella (biex tavża lill-ġudikant li bi ħsiebha tappella), u wieħed fuq il-ġudikatur innifsu (biex dakinhar stess jgħaddi kopja tas-sentenza mogħtija minnu, bir-raġunijiet għad-deċiżjoni). Huwa evidenti li tali żewġ obbligi huma imposti sabiex jiġi assigurat li dakinhar stess li tkun inqatgħet il-kawża (u cioe` minn meta jibda' jiddekorri ż-żmien għall-preżentata tal-appell) tkun disponibbli id-deċiżjoni tat-Tribunal f'forma skritta għall-parti li tkun trid tappella. Ovvjament f' każ bħal dan odjern, fejn id-deċiżjoni ma ingħatatx dak in-nhar tal-ewwel smigħ, anzi kien hemm diversi seduti sakemm ingħatat is-sentenza li kienet diġa bil-miktub.

15. Il-qorti żżid li mhemm l-ebda provvediment li jekk ma jingħatax l-avviz li t-tellief ikun irid jappella, allura l-appell hu null.

16. Għaldaqstant l-argument tal-appellati li l-appell odjern mhux wieħed validu, huwa infondat.

## B. L-aggravju dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:

*Provi rilevanti*

17. Skont ir-rapport tal-Pulizija[11] l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ bejn l-għaxra ta' filgħaxija (22:00) tal-15 ta' Settembru 2013 u d-disgħa ta' filgħodu (09.00) tas-16 ta' Settembru 2013 meta l-vettura LEK-842 proprjeta` tas-soċjeta` attriċi kienet ipparkjata fi Triq il-Fanal, Għasri u waqgħu fuqha panelli fotovoltajci.

18. F' dak il-perjodu il-vettura kienet qed tinkera minn ċertu Romain Robert Georges Chatellard, ta' nazzjonalita` Franċiża. Kien l-istess Chatellard li għamel ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Victoria. Huwa ddikjara li

> *"he found that his hired car…was hit by a set of photovoltaic solar panels which fell from the rooftop of the opposite residence during the night…..The building(s) that the solar panels fell (from) is the "Gozo Holiday Inn" which its owner is Mario Laporto."*

19. Fis-6 ta' Jannar 2015 is-soċjeta` attriċi interpellat lil Mario Laporto permezz ta' ittra uffiċjali[12] sabiex iħallas is-somma ta' €1,703.85 in linea ta' danni:

> *"in segwitu għal inċident illi seħħ fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 2013, fi Triq il-Fanal, Għasri, Għawdex, meta waqt li Romain Robert Georges Chatellard ipparkja l-vettura bin-numru LEK-842, proprjeta` tal-mittenti, fl-imsemmija triq, waqgħu panelli solari minn fuq il-bejt tal-fond "Gozo Holiday Inn" apparjenenti lilek, għal fuq il-vettura tal-mittenti, għal liema inċident u konsegwenzjali danni inti kont unikament responsabbli."*

20. Fid-19 ta' Jannar 2015[13] huwa ġie nnotifikat bl-imsemmija ittra. Kif jidher mill-istess ittra, l-indirizz fejn ġie notifikat kien "*Gozo Village Holidays, 11, Triq il-Kapuċċini, Victoria, Għawdex*".

21. Fit-8 ta' Frar 2015, bagħat ittra legali bi tweġiba għall-ittra uffiċjali fejn qal illi:

> *"…bil-preżenti jiċħad il-pretenzjonijiet kontenuti fl-ittra tagħkom bħala infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.*

---

[11] Dok A fol 4-6.
[12] Ittra Uffiċjali, Dok AZM1, fol 68.
[13] Riferta, fol 69.

*Illi fuq kollox l-inċident li qed issir riferenza għalih kien purament 'casus' u għalhekk żgur li l-mittenti ma jaħtix għall-inċident."*

22. Fid-9 ta' April 2015 s-soċjeta` attriċi ppreżentat il-kawża kontra Mario Laporto.

23. Fil-11 ta' Mejju 2015 il-konvenut ppreżenta t-tweġiba għall-ewwel darba fejn qal li mhux il-leġittimu kontradittur billi m'għandux konnessjoni mal-fond li minn fuqu waqgħu il-panelli, u lanqas mal-inċident. Qal ukoll li bla preġudizzju, kien qed jikkontesta l-kawża kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

24. Fit-2 ta' Ġunju 2015 il-konvenut xehed li huwa *self employed* u li jaħdem bħala konsulent ma' "Gozo Villages Holidays Ltd" bl-indirizz 11, Triq il-Kapuċċini, Victoria. Spjega li "Gozo Villages Holidays Ltd" fil-fatt **topera** l-appartamenti "Ta' Frenċ Apartments" li jinsabu fi Triq il-Fanal, Għasri. Ikkonferma li dan il-fond ("Ta' Frenċ Apartments") huwa proprjeta` ta' "Ta' Frenċ Estates Ltd" u "Ta' Frenċ Properties Ltd" nofs bin-nofs. Sostna li huwa jaħdem biss f' dan il-fond bħala konsulent u li mhux proprjetarju. Qal ukoll li m'għandux x' jaqsam mal-kumpaniji. Ippreċiża li għalkemm fl-avviż tat-talba hemm imniżżel "Gozo Holiday Inn", dan m'għandu xejn x' jaqsam ma' Triq il-Fanal, Għasri, u l-isem tal-appartamenti huwa fil-fatt "Ta' Frenċ Apartments".[14]

25. Fis-26 ta' Ottubru 2015[15] is-soċjeta` attriċi talbet li jiġu kjamati fil-kawża is-soċjetajiet "Gozo Village Holidays Ltd", "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' French Estates Ltd".

26. Dawn it-tlett soċjetajiet kjamati fil-kawża eċċipew il-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

27. Il-konvenut in kontro-eżami[16] xehed li fiż-żmien tal-inċident il-fond li minnu waqgħu il-panelli kien magħruf bħala "Tal-Fanal Apartments". Qal li dawn f'

[14] Fil-fatt kif fuq spjegat, fit-2 ta' Marzu 2016 is-soċjeta` attriċi talbet korrezzjoni fis-sens li l-kliem "Gozo Holiday Inn" jiġu sostitwiti bil-kliem "Ta' Frenċ Apartments", liema talba ġiet milqugħa dakinhar stess.
[15] Fol 17.
[16] Kontro-eżami tal-konvenut, 27.04.2016, Fol 66-67.

erba' blocks. Spjega li meta ġie interpellat bl-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar 2015 kien qal lill-avukat li l-post mhux tiegħu u kien ħalla f' idejh biex iwieġeb. Ri-eżaminat sostna li l-uniku involviment li għandu mas-soċjeta` "Gozo Village Holidays Ltd" hija dik ta' konsulent. Qal li huwa *self-employed* u li m'għandu l-ebda ishma.

28. Mary Grace Attard[17] xehdet illi is-sid tal-appartamenti "Tal-Fanal Apartments" huma żewġ kumpaniji: "Ta' Frenċ Estates Ltd" u "Ta' Frenċ Properties Ltd". Ikkonfermat li tokkupa l-kariga ta' direttur u hi wkoll azzjonista tal-kumpannija "Ta' Frenċ Estates Ltd" filwaqt li Lino Cefai huwa d-direttur u azzjonista tas-soċjeta` "Ta' Frenċ Properties Ltd". Ikkonfermat illi s-soċjeta` "Gozo Village Holidays Ltd" topera l-kumpless ta' appartamenti. Qalet ukoll li hija flimkien ma' Lino Cefai huma diretturi u azzjonisti fis-soċjeta` "Gozo Village Holidays Ltd".

29. Kontro-eżaminata ikkonfermat illi fuq dan il-kumpless ta' appartamenti hemm installati l-panelli fotovoltajċi. "*Nikkonferma wkoll illi dakinhar tal-inċident dawn il-pannelli kienu jeżistu u kienu dawn l-istess panelli li waqgħu dak il-lejl indikat fl-avviż tat-talba."* Spjegat illi dak iż-żmien id-direttur u azzjonista kien żewġha u mhux hi u li hi involviet ruħha wara li miet żewġha, madwar sena u nofs qabel ix-xiehda tagħha (cioe` għall-ħabta ta' Ottubru 2014). Mistoqsija dwar il-konvenut Mario Loporto, qalet li kienet saret tafu tramite żewġha u kkonfermat li kien konsulent u jieħu ħsieb il-*marketing* tal-appartamenti.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti fir-rigward tal-kwistjoni tal-preskrizzjoni:*

30. **Huwa minnu li s-soċjeta` attriċi m'għamlitx l-indaġini personali tagħha dwar min hu s-sid tal-bejt tal-appartamenti li minn fuqu waqgħu il-panelli. Jirriżulta li l-attriċi straħet fuq dak li jingħad fir-rapport tal-pulizija u nterpellat lil Mario Loporto. Fit-tweġiba dan tal-aħħar bl-ebda mod ma indikalha li effettivament ma kienx il-proprjetarju tal-appartamenti**. Ħalliha tkompli temmen li huwa fil-fatt il-

[17] Xiehda ta' Mary Grace Attard, 27 ta' April 2016, fol 71-72.

proprjetarju tal-appartamenti tant li iddefenda ruħu billi argumenta li l-inċident kien purament "*casus*".

31. Wieħed jistaqsi: xi skop seta' kien hemm li jagħmel dan, meta kull ma kellu jgħid hu li huwa sempliċiment mhux il-leġittimu kontradittur? Ir-risposta toħroġ waħedha meta wieħed jifhem x' konnessjoni hemm bejn Mario Loporto u l-azzjonisti tat-tlett soċjetajiet kjamati fil-kawża: cioe` Lino Cefai u Mary Grace Attard.

32. Kif jirriżulta mill-provi, fiż-żmien tal-inċident Mario Loporto kien impjegat mas-soċjeta` "Gozo Village Holidays Ltd" li topera l-appartamenti "Ta' Frenċ Apartments" (dak iż-żmien magħrufa bħala "Tal-Fanal Apartments"). L-azzjonisti u d-diretturi tas-soċjeta` "Gozo Village Holidays Ltd" kienu **Lino Cefai u r-raġel ta' Mary Grace Attard**: u cioe` l-istess azzjonisti u diretturi tas-soċjetajiet kjamati fil-kawża "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' Frenċ Estates Ltd" rispettivament.

33. Fiż-żmien li s-soċjeta` attriċi interpellat lil Mario Loporto bl-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 2015 l-azzjonisti u d-diretturi tas-soċjeta` "Gozo Village Holidays Ltd" kienu **Lino Cefai u Mary Grace Attard**. Għaldaqstant hawnhekk ukoll l-azzjonisti u diretturi ta' "Gozo Village Holidays Ltd" kienu ukoll l-istess azzjonisti u diretturi tas-soċjetajiet kjamati fil-kawża rispettivament.

34. Minkejja li Mario Loporto xehed li kien informa lill-avukat "tiegħu" li huwa ma kienx is-sid tal-appartamenti, l-ittra responsiva mhux biss ma tindikax li l-istess Loporto mhuwiex leġittimu kontradittur, iżda saħansitra intqal li l-inċident kien purament "*casus*" u li għalhekk Loporto ma jaħtix għalih. Dan ifisser li Loporto spjega lill-avukat x'kien ġara.

35. Skont l-artikolu 2139 tal-Kodiċi Ċivili, *"il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata"*.

36. Is-sentenza **Mario Galea vs John Attard et** tal-Prim'Awla, 26 ta' Mejju

2004, kienet titratta dwar inċident tat-traffiku. L-attur kien ħarrek lill-konvenut bażat fuq it-tagħrif li kien hemm fir-rapport tal-pulizija. F'dan ir-rigward dik il-qorti osservat:

> *"Issa hu veru li skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata u dan minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. L-attur fil-fatt agixxa tempestivament kontra l-konvenut bl-azzjoni minnu ntrodotta fis-16 ta' Ottubru 1995 ghaliex ghalih kien dan li pprezenta ruhu ma' l-awtorita` tal-Pulizija bhala l-awtur tad-dannu. Effettivament ma jidherx fil-fehma tal-Qorti li gie pprovat minghajr ombra ta' dubbju illi l-attur kien konxjament jaf minn qabel il-proponiment ta' l-azzjoni illi s-sewwieq ma kienx il-konvenut izda neputih.* ***Tqum hawn id-domanda illi jekk l-attur ma kienx jaf min kien il-veru awtur u kien fl-impossibilita li jkun jaf qabel id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-ezitu tal-proceduri kriminali konkjuzi fil-15 ta' Mejju 1998 (ara verbal a fol. 48), jistax jinghad li dan gie li tilef id-dritt ta' azzjoni kontra l-kjamat in kawza? Hu naturali illi l-qaghda hekk raggunta tidderiva minn kawza estrinseka li l-attur ma setax jirrimuovi qabel ma giet determinata, bi proceduri idonei, il-falsita`. Fil-fehma tal-Qorti meta kienet tikkonkorri din is-sitwazzjoni, l-ostakolu kellu jitqies li jaghti lok ghas-sospensjoni****"*

Ladarba Loporto wieġeb l-ittra uffiċjali fis-sens li ta lill-attriċi x'tifhem li hu kellu r-responsabbilta tal-binja tant li qal li dak li ġara kien minħabba *casus*, il-qorti ma tistax tippretendi li l-attriċi kellha toqgħod tagħmel xi riċerka ulterjuri biex tistabbilixxi jekk ir-responsabbilta kinitx ta' xi terza persuna. Jekk Loporto ma kienx peronsalment responsabbli għal dak li jiġri fil-bini, fl-ittra legali ma kellux jidħol fil-meritu tal-każ. B'dak li qal spiċċa li żgwida lis-soċjeta attriċi u dan għal benefiċċju tas-sidien. Dan apparti li fir-rapport jingħad ukoll li l-binja hi ta' Loporto. Fiċ-ċirkostanzi għandu japplika l-isenjament tal-Prim'Awla fis-sentenza fuq imsemmija.

37. F'dik l-istess sentenza l-qorti qalet ukoll:

> *"Dippju, il-Qorti taghmel ukoll din l-osservazzjoni agguntiva. Jekk, kif jidher li hu hekk il-kaz, il-kjamat in kawza kien jaf li l-konvenut zijuh ipprezenta ruhu bhala li kien hu li saq u habat bil-karozza, jistax imbaghad japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni razenti d-dolozita` biex igib fix-xejn id-dritt ta' l-attur bl-eccepita preskrizzjoni. Ma jidhirx li gie qatt konsentit illi tali difiza giet ezawdita. Dan anke ghaliex, kif saput, hadd ma hu tollerat li mit-turpitudini tieghu stess jaghmel il-bazi gudizzjarja, kemm jekk ta' pretiza jew ta' difiza"*

Skont ma xehed Loporto, kien is-sid li nfurmah b'dak li kien ġara (seduta tat-18 ta' April, 2016). Hawnhekk il-qorti fehmet li kien xi ħadd minn ta' Frenċ Estates Limited jew ta' Frenċ Properties Limited, li nforma lil Loporto x'kien ġara. Mela s-sid kien jaf bl-inċident. Probabilment ukoll is-sidien kienu jafu li

Loporto ppreżenta ruħu bħala s-sid, meta jitqies il-kontenut tal-ittra legali li ntbagħtet. Fiċ-ċirkostanzi l-imsejħin fil-kawża m'għandhomx jedd li japprofittaw ruħhom mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sakemm ħarġet il-verita' fil-mori tal-kawża.

38. Argument partikolari li jressqu s-soċjetajiet appellati fir-risposta tal-appell tagħhom hu illi meta s-soċjeta` attriċi saret taf li l-leġittimi kontradituri kienu huma u mhux Mario Loporto, kienu għadhom ma għaddewx is-sentejn minn dakinhar tal-inċident, u li nonostante dan is-soċjeta` attriċi baqgħet tkaxkar saqajha u talbet is-sejħa tagħhom fil-kawża wara li għadda tali perjodu. Dan l-argument pero` huwa wieħed għal kollox infondat. Is-soċjeta` attriċi saret taf għall-ewwel darba li Loporto ma kienx il-leġittimu kontradittur permezz tar-risposta tiegħu tal-11 ta' Mejju 2015; u saret taf li l-appartamenti li minn fuqhom waqgħu il-panelli huma effettivament proprjeta` tas-soċjetajiet kjamati fil-kawża "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' Frenċ Estates Ltd" fit-2 ta' Ġunju 2015. Għaldaqstant (dejjem minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ) huwa minn tali data li għandu jitqies li semmai bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni ta' sentejn kontrihom. Fil-fatt fis-sentenza **Joseph Calleja et vs Kenneth Mizzi et**, intqal:

> *"Il-preskrizzjoni hija istitut li waħda mill-iskopijiet tagħha hija li tippunixxi t-traskuraġni tal-kreditur u m'huwiex sewwa li tintuża biex tippunixxi attur u allura persuna li qegħda tallega li hija kreditriċi għax ġie(t) ingannat(a) minn xi azzjoni tal-konvenut. Allura l-atturi sakemm kienu jafu min kien il-proprjetarju preċiż tal-proprjeta' adjaċenti ma setgħux jaġixxu kontra dik il-persuna u* ***allura l-perjodu preskrittiv beda għaddej minn meta saru jafu dan fil-mori tal-kawża."***[18].

39. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti hija tal-fehma li l-aggravju tas-soċjeta` attriċi appellanti huwa fondat u konsegwentement l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetajiet kjamati fil-kawża "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' Frenċ Estates Ltd" għandha tiġi miċħuda.

---

[18] Ġara li l-atturi Calleja f' tali kawża ħallew iktar minn sentejn minn meta saru jafu li s-soċjeta` SAK Ltd kienet il-proprjetarja tal-post adjaċenti sakemm talbu li tissejjaħ fil-kawża, iżda inċidentalment is-soċjeta` SAK Ltd minkejja li eċċepiet il-preskrizzjoni, eċċepiet ukoll li l-d-danni reklamati kienu eċċessivi: eċċezzjoni li tammonta għar-rinunzja tal-preskrizzjoni. (Is-sentenza ġiet appellata u l-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-22.04.2013. Is-sentenza tal-ewwel qorti ġiet varjata biss fir-rigward tal-kwantum tas-somma likwidata).

## C. <u>Responsabilita`o meno tas-soċjetajiet "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' Frenċ Estates Ltd"</u>

40. Għalkemm is-soċjetajiet appellati "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' Frenċ Estates Ltd" fir-risposta tal-appell tagħhom jargumentaw li (i) la ġie ippruvat li l-panelli waqgħu minn fuq il-proprjeta` tagħhom, u (ii) lanqas li dawn ġew fuq il-vettura tas-soċjeta` attriċi, Mary Grace Attard stess, in kontro-eżami, ikkonfermat illi l-panelli li waqgħu fil-lejl indikat fl-Avviż tat-Talba kienu fil-fatt dawk li kienu installati fuq l-appartamenti proprjeta` ta' "Ta' Frenċ Properties Ltd" u "Ta' Frenċ Estates Ltd". In oltre, din il-qorti tosserva li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura LEK-842[19] huma kompatibbli. Loporto stess xehed li kien mar fuq il-post *"... fil-jum indikat fl-avviż u kont sibt li kienu waqgħu xi pannelli minn fuq il-bejt. Jiena ma kontx rajt pannelli fuq il-karozza.* ***Rajt il-karozza msemmija fl-avviż danneġġata****"*. Qal ukoll li, *"Mistoqsi x'jismu l-post minn fejn waqgħu l-pannelli ngħid li dawn waqgħu mill-post magħruf bħala tal-Fanal Apartments"*. Ghaldaqstant hemm prova li l-panelli waqgħu mill-bini tal-imsemmija kumpannija u fuq bazi ta' probabilta' l-panelli waqgħu fuq il-vettura tal-attriċi. Is-sidien huma responsabbli ghall-oġġetti li jkun fuq il-bejt tal-proprjeta taghhom, u għandhom oobligu li jizguraw li jkunu marbutin sew sabiex ma jtirux bir-riħ. Dak li ġara jirrendi lis-sidien responsabbli, li ma ressqu l-ebda provi dwar kif dawn il-pannelli tqaċċtu minn mal-frame li suppost kienu mwaħħlin miegħu.

## D. <u>Danni:</u>

41. Is-soċjetajiet appellati jargumentaw ukoll li ma ġiex pruvat li l-kont jirrelata għall-ħsarat li allegatment seħħew fuq il-vettura tas-soċjeta` attriċi. Fl-ewwel lok din il-qorti tosserva li b'referenza għall-vettura in kwistjoni LEK-842, ġiet ippreżentata l-**<u>istima</u>** maħruġa mis-*surveyor* tas-soċjeta` assikuratriċi Elmo Insurance[20], datata 17 ta' Settembru 2013 (l-għada tal-inċident) li hija fl-

[19] Ara *claim form* li saret mal-Elmo Insurance, partikolarment, fol 53.
[20] Stima maħruġa mill-Elmo Insurance, a fol 56.

ammont ta' **<u>€2,002.99</u>**[21]. Tosserva wkoll li ġie ippreżentat **<u>kont</u>** maħruġ mill-"*Avis Rent-A-Car & Lease*" (Dok MH2[22]) datat 16 ta' Jannar 2014 fl-ammont ta' **<u>€1,703.85</u>** u cioe` f' ammont inqas minn dak indikat fl-istima.

42. <u>Michael Hersey</u>, l-*accounts manager* tas-soċjeta` attriċi waqt ix-xiehda tiegħu fis-seduta tas-27 ta' April 2016[23], spjega li l-"Avis" fil-fatt hija *franchise* ġestita mis-soċjeta` attriċi London Services Ltd. Għalkemm Hersey qal li ma kienx f' pożizzjoni biex jgħid jekk il-vettura ssewwietx jew le, ikkonferma li l-*parts* indikati fil-kont Dok MH2 effettivament inxtraw. Din il-qorti tosserva li fuq dan il-kont stess hemm indikat li l-ispejjeż jirreferu għall-vettura Hyundai I-20 (Nru ta' Reġ: LEK-842). Il-*parts* indikati kemm fl-istima u kif ukoll fil-kont[24] huma kompatibbli mal-ħsara li ġarrbet il-vettura dak in-nhar li waqgħu il-panelli fuqha, u din il-qorti ma tara l-ebda raġuni li tista' twassalha biex tiddubita li dawn il-*parts* effettivament jirreferu għall-vettura mertu ta' din il-kawża. Fir-rigward tal-ammonti rappreżentanti l-"*labour*", l-i"*spray*" u l-"*loss of use"* ta' sitt (6) ijiem bir-rata ta' €11.65 kull ġurnata, dawn huma identiċi għal dawk indikati fuq l-istima.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tas-soċjeta` attriċi, u tvarja s-sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar billi:-**

**(i) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetajiet kjamati fil-kawża "<u>Ta' Frenċ Properties Ltd</u>" u "<u>Ta' Frenċ Estates Ltd</u>"; u**

**(ii) tiddikjara lill-istess soċjetajiet "<u>Ta' Frenċ Properties Ltd</u>" u "<u>Ta' Frenċ Estates Ltd</u>" responsabbli solidalment għall-inċident u għall-konsegwenzjali danni (fl-ammont ta' €1,703.85) subiti mis-soċjeta` attriċi appellanti (u mitluba minnha fl-avviż);**

---

[21] **<u>Dan l-ammont jidher li huwa inkorrett</u>**, għaliex jekk wieħed jgħodd l-istima tal-*panel beating, spray, loss of use* u valur tal-*parts* indikati fl-istess stima, dawn iwasslu għat-total ta' **<u>€1767.35</u>** u mhux ta' €2,002.99.

[22] Fol 55.

[23] Xiehda ta' Michael Hersey fol 49-50.

[24] (1) *Bonnet, (2) Windscreen glass, (3) Windscreen moulding, (4) Roof, (5) Roof header (frt) (6) Tailgate shell, (7) Roof antenna, (8) Screen bonding kit.*

**(iii) Tikkundannahom iħallsu dan l-ammont lill-attrici, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess kumpanniji;**

**(iv) Spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess "<u>Ta' Frenċ Properties Ltd</u>" u "<u>Ta' Frenċ Estates Ltd</u>".**

Anthony Ellul.